Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Settembru 2022**
**(OR. en)**

**12187/22**

**CDR 110**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra tat-30 ta' Awwissu 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Peter Sønderby Westphal SØRENSEN, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni[1].

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

[1] 12119/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Peter Sønderby Westphal SØRENSEN, il-Gvern Daniż ippropona[2] lis-Sur Kasper Egede GLYNGØ, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Byrådsmedlem, Hedensted Kommune* (membru tal-Kunsill tal-Belt, Muniċipalità ta' Hedensted), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 12184/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[2] 12121/22.